



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0389/2013

14.11.2013

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali
għas-snin 2014-2020
(11791/2013 – C7-0238/2013 – 2011/0177(APP))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Jean-Luc Dehaene, Ivailo Kalfin

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
ANNEX 1: ABBOZZ TA' REGOLAMENT TAL-KUNSILL LI JISTABBILIXXI L-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI GĦAS-SNIN 2014-2020	7
ANNEX 2: DIKJARAZZJONIJIET	35
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI.....	39
ITTRA TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU	42
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	43

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020

(11791/2013 – C7-0238/2013 – 2011/0177(APP))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Kunsill (COM(2011)0398), li ġiet emendata mill-proposta COM(2012)0388),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill (11791/2013) u r-rettifika tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2013 dwar dan (11791/2013 COR 1),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (C7-0238/2013),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2012 għall-fini li jinkiseb eżitu pożittiv għall-proċedura ta' approvazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2013 dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali²,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-ftehim politiku rigward il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020³,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 75 u 81(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0389/2013), l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-ittra tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0389/2013),
1. Jaqbel mal-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2014-2020 kif stabbilit fl-anness għal din ir-riżoluzzjoni;
 2. Japprova d-dikjarazzjonijiet konġunti magħmula mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;
 3. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u

¹ Testi adottati, P7_TA(2012)0360.

² Testi adottati, P7_TA(2013)0078.

³ Testi adottati, P7_TA(2013)0304.

lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

ANNES 1: ABOZZ TA' REGOLAMENT TAL-KUNSILL LI JISTABILIXXI L-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI GĦAS-SNIN 2014-2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 312 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

¹ Kunsens ta' ... (għadu mhux ippubblikat fil-ĠU).

Billi:

- (1) Il-limiti massimi annwali tal-appropriazzjonijiet għall-impenji skont il-kategorija tan-nefqa u l-limiti massimi annwali fuq l-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament għandhom jirrispettaw il-limiti massimi stabbiliti għall-impenji u r-riżorsi proprji fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom¹.
- (2) Meta titqies il-ħtieġa ta' livell adegwat ta' prevedibbiltà għat-tnejn u l-implimentazzjoni ta' investimenti fuq terminu medju, it-tul tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għandu jiġi stabbilit għal seba' snin li jibdew fl-1 ta' Jannar 2014. Ser isir rieżami mhux aktar tard mill-2016, wara l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Permezz ta' dan, l-istituzzjonijiet, inkluż il-Parlament Ewropew elett fl-2014, ser ikunu jistgħu jivvalutaw mill-ġdid il-prijoritajiet. Għandu jittieħed kont tar-riżultati ta' dan ir-rieżami fi kwalunkwe reviżjoni ta' dan ir-Regolament għall-kumpliment tas-snin tal-QFP. Dan l-arranġament minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "rieżami/reviżjoni".
- (3) Fil-kuntest tar-rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jeżaminaw flimkien l-aktar durata adegwata għall-QFP sussegwenti qabel ma l-Kummissjoni tippreżenta l-proposti tagħha bil-għan li jinkiseb il-bilanċ it-tajjeb bejn id-durtata tal-mandati rispettivi tal-membri tal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea - u l-ħtieġa ta' stabbiltà għal ċikli ta' programmar u predivibbiltà tal-investment.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17).

* ĠU: Jekk id-deċiżjoni l-ġdida dwar riżorsi proprji (2011/0183 (CNS)) hija adottata qabel jew fl-istess żmien bħal dan ir-Regolament, jekk jogħġbok emenda din ir-referenza sabiex tirreferi għad-Deċiżjoni l-ġdida.

- (4) Flessibbiltà possibbli speċifika u massima għandha tiġi implimentata biex l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha f'konformità mal-Artikolu 323 Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
- (5) L-istrumenti speċjali li ġejjin huma meħtieġa biex jippermettu lill-Unjoni tirreaġixxi għal ċirkostanzi speċifiċi mhux previsti jew biex jippermettu l-finanzjament ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma setgħetx tiġi ffinanzjata fi ħdan il-limiti massimi disponibbli għal intestatura waħda jew aktar kif stabbilit fil-qafas finanzjarju biex b'hekk tiġi ffaċilitata l-proċedura baġitarja: ir-Riżerva għall-Għajjnuna ta' Emerġenza, il-Fond tas-Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, l-Istrument tal-Flessibbiltà, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Marġini ta' Kontinġenza, il-flessibbiltà speċifika biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh u tissaħħaħ ir-riċerka u l-marġini globali għall-impenji għat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari l-impjeg taż-żgħażaġh. Għalhekk hu neċessarju li jkun hemm dispożizzjonijiet speċifiċi għal possibbiltà li jiddaħħlu fil-baġit approprjazzjonijiet għall-impenji li jissuperaw il-limiti massimi stabbiliti fil-QFP, fejn ikun meħtieġ li jintużaw strumenti speċjali.
- (6) Jekk ikun meħtieġ li jiġu mmobilizzati l-garanziji mogħtija taħt il-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-self ipprovdut fil-qafas tal-Faċilità tal-Bilanċ tal-Flasijiet jew tal-Mekkaniżmu Ewropew tal-Istabilizzazzjoni Finanzjarja stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002¹ u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010², rispettivament, l-ammont neċessarju għandu jiġi mmobilizzat b'tali mod li jaqbeż il-limiti massimi tal-approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-flasijiet tal-QFP filwaqt li jiġi rrispettat il-limitu massimu tar-riżorsi proprji.

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdri għajjnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

² Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

- (7) Il-QFP għandu jiġi stabbilit bil-prezzijiet tal-2011. Għandhom jiġu stabbiliti wkoll ir-regoli għall-aġġustamenti tekniċi tal-QFP biex jiġu kkalkulati mill-ġdid il-limiti massimi u l-marġini disponibbli.
- (8) Il-QFP m'għandux iqis il-partiti tal-baġit ifffinanzjati mid-dħul assenjat fit-tifsira tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ ("ir-Regolament Finanzjarju").
- (9) Jista' jkun meħtieġ li dan ir-Regolament jiġi rivedut fil-każ ta' ċirkostanzi mhux previsti li ma jkunux jistgħu jiġu ttrattati fi ħdan il-limiti massimi stabbiliti tal-QFP. Għalhekk, huwa neċessarju li jkun hemm dispożizzjoni għal reviżjoni tal-QFP f'każijiet bħal dawn.
- (10) Għandhom jiġu stabbiliti regoli għal sitwazzjonijiet oħra li jistgħu jitolbu aġġustament jew reviżjoni tal-QFP. Dawk l-aġġustamenti jew reviżjonijiet jistgħu jkunu relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, ma' miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-fondi mal-governanza ekonomika soda, mar-reviżjoni tat-Trattati, mat-tkabbir, mar-riunifikazzjoni ta' Ċipru, jew mad-dewmien fl-adozzjoni ta' regoli ġodda li jirregolaw ċerti oqsma ta' politika.
- (11) Il-pakketti nazzjonali li jiffavorixxu l-politika ta' koeżjoni huma stabbiliti fuq il-bażi tad-data statistika u t-tbassir użat għall-aġġornament ta' Lulju 2012 tal-proposta tal-Kummissjoni għal dan ir-Regolament. B'kont meħud tal-inċertezzi previsti u l-impatt għall-Istati Membri b'limitu massimu u biex tikkunsidra s-sitwazzjoni b'mod partikolari diffiċli tal-Istati Membri li qed ibgħatu minn kriżi, il-Kummissjoni ser, fl-2016, terġa' teżamina l-allokkazzjonijiet totali tal-Istati Membri kollha taħt il-mira "Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi" tal-politika ta' koeżjoni għas-snin 2017 sa 2020.

¹ Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

- (12) Huwa neċessarju li jkun hemm dispożizzjoni għal regoli ġenerali dwar kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja.
- (13) Huma meħtieġa wkoll regoli speċifiċi sabiex wieħed jittratta l-proġetti l-kbar tal-infrastruttura li l-ħajja tagħhom tmur sostanzjalment lil hinn mill-perjodu stabbilit għall-QFP. Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti ammonti massimi għall-kontribuzzjonijiet mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għal dawg il-proġetti biex b'hekk jiġi żgurat li ma għandhom l-ebda impatt fuq proġetti oħra ffinanzjati minn dak il-baġit.
- (14) Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid qabel l-1 ta' Jannar 2018 sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jadottawh kmieni biżżejjed qabel jibda l-qafas finanzjarju li jmiss. Il-qafas finanzjarju stabbilit f'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika jekk il-qafas finanzjarju l-ġdid ma jiġix adottat qabel it-tmiem tat-terminu tal-qafas finanzjarju stabbilit f'dan ir-Regolament.
- (15) Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni ġew ikkonsultati u adottaw l-opinjoni¹,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar 'Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020' (ĠU C 229, 31.7.2012, p. 32); Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar 'Il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid għall-perjodu ta' wara l-2013' (ĠU C 391, 18.12.2012, p. 31).

Kapitolu 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali

Il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perijodu 2014-2020 (il-QFP) huwa stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP

Sal-aħħar tal-2016 l-Kummissjoni għandha tippreżenta rieżami tal-funzjonament tal-QFP filwaqt li jieħu kont sħiħ tas-sitwazzjoni ekonomika ta' dak iż-żmien kif ukoll l-aktar projezzjonijiet makroekonomiċi reċenti. Dan ir-rieżami, għandu jkun akkumpanjat, kif adegwat, minn proposta leġiżlattiva għar-reviżjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fit-TFUE. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, pakketti nazzjonali allokatati minn qabel ma għandhomx jitnaqqsu permezz ta' tali reviżjoni.

Artikolu 3

Il-Konformità mal-limiti massimi tal-QFP

1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom, waqt kull proċedura baġitarja u meta jiġi implimentat il-baġit għas-sena kkonċernata, ikunu konformi mal-limiti massimi tan-nefqa annwali stabbiliti fil-QFP.

Is-sublimitu għall-Intestatura 2, kif stabbilit fl-Anness, huwa stabbilit mingħajr preġudizzju għall-flessibbiltà bejn iż-żewġ pilastru tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). Il-limitu massimu aġġustat li għandu jiġi applikati għall-pilastru I tal-PAK wara t-trasferimenti bejn il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-pagamenti diretti għandhom jiġu stabbiliti fl-att legali rilevanti u l-QFP għandu jiġi aġġustat kif meħtieġ skont l-aġġustament tekniku previst fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament.

2. L-istrumenti speċjali previsti fl-Artikoli 9 sa 15 jiżguraw il-flessibbiltà tal-QFP u għandhom ikunu stabbiliti sabiex jippermettu li l-proċedura baġitarja taħdem bla xkiel. L-appropriazzjonijiet għall-impenji jistgħu jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi tal-intestaturi rilevanti stabbiliti fil-QFP fejn huwa neċessarju li jintużaw ir-riżorsi mir-Riżerva tal-Għajnuna ta' Emerġenza, mill-Fond tas-Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, l-Istrument tal-Flessibbiltà, il-Fond Ewropew tal-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Marġini ta' Kontinġenza, il-flessibbiltà speċifika biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh u tissaħħaħ ir-riċerka u l-marġini globali għall-impenji għat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari l-impjieg taż-żgħażaġh, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea¹, ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Diċembru 2006 li jistabilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni², u l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il- Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ta' ...dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba^{3***}.
3. Fejn ikun meħtieġ li tiġi mmobilizzata garanzija għal self koperta mill-baġit ġenerali tal-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 332/2002 jew ir-Regolament (UE) Nru 407/2010, din għandha tkun lil hinn mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP.

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).

² Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Diċembru 2006 li jistabilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1).

* ĠU: Jekk ir-Regolament il-ġdid dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) (2011/0269 (COD)) huwa adottat qabel jew fl-istess żmien bħal dan ir-Regolament, jekk jogħġbok emenda din ir-referenza sabiex tirreferi għar-Regolament il-ġdid.

³ Ftehim Interistituzzjonali bejn il- Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ta' ...dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C ...).

** ĠU: daħħal id-data u r-referenza tad-dok. st.11838/13.

** ĠU: daħħal id-data u r-referenza tad-dok. st.11838/13.

Artikolu 4

Ir-Rispett tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji

1. Għal kull waħda mis-snin koperti mill-QFP, l-appropriazzjonijiet totali għall-ħlasijiet meħtieġa, wara li jsir l-aġġustament annwali u wara li jitqiesu kwalunkwe aġġustamenti jew reviżjonijiet oħra, kif ukoll l-applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 3, ma għandhomx ikunu tali li jipproduċu rata għall-ġbir tar-riżorsi proprji li taqbeż il-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit skont id-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom*.
2. Fejn ikun meħtieġ, il-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għandhom jitbaxxew permezz ta' reviżjoni sabiex tiġi żgurata konformità mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit skont id-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom*.

* ĠU: Jekk id-deċiżjoni l-ġdida dwar riżorsi proprji (2011/0183 (CNS)) hija adottata qabel jew fl-istess żmien bħal dan ir-Regolament, jekk jogħġbok emenda din ir-referenza sabiex tirreferi għad-Deċiżjoni l-ġdida.

Artikolu 5

Marġini globali għall-pagamenti

1. Kull sena, mill-2015 'l quddiem, bħala parti mill-aġġustament tekniku msemmi fl-Artikolu 6, il-Kummissjoni għandha taġġusta l-limitu massimu għall-pagamenti għas-snin 2015-2020 'l fuq b'ammont ekwivalenti għad-differenza bejn il-pagamenti mwettqa u l-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP tas-sena n-1.
2. L-aġġustamenti annwali ma għandhomx jaqbu l-ammonti massimi li ġejjin (prezzijiet tal-2011) għas-snin 2018-2020 meta mqabbla mal-limitu massimu tal-pagament oriġinali tas-sena rilevanti:

2018 - EUR 7 biljun

2019 - EUR 9 biljun

2020 - EUR 10 biljun.
3. Kull aġġustament 'l fuq għandu jkun ikkumpensat bi tnaqqis korrispondenti tal-limitu massimu tal-pagament għas-sena n-1.

Artikolu 6
Aġġustamenti tekniċi

1. Kull sena l-Kummissjoni, biex taġixxi qabel il-proċedura baġitarja għas-sena n+1, għandha tagħmel l-aġġustamenti tekniċi li ġejjin fil-QFP:
 - (a) valutazzjoni mill-ġdid, skont il-prezzijiet tas-sena n+1, tal-limiti massimi u tal-figuri globali għall-appropriazzjonijiet għall-impenji kif ukoll għall-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet;
 - (b) kalkolu tal-marġini disponibbli taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit skont id-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom*;
 - (c) kalkolu tal-ammont assolut tal-Marġini ta' Kontinġenza previst fl-Artikolu 13;
 - (d) kalkolu tal-marġini globali għall-pagamenti previst fl-Artikolu 5;
 - (e) kalkolu tal-marġini globali għall-pagamenti previst fl-Artikolu 14.
2. Il-Kummissjoni għandha twestaq dawn l-aġġustamenti tekniċi msemmija fil-paragrafu 1 fuq il-bażi ta' deflatur fiss ta' 2% kull sena.
3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-riżultati tal-aġġustamenti tekniċi msemmija f'paragrafu 1 u l-previżjonijiet ekonomiċi li fuqhom ikunu bbażati.

* ĠU: Jekk id-deċiżjoni l-ġdida dwar riżorsi proprji (2011/0183 (CNS)) hija adottata qabel jew fl-istess żmien bħal dan ir-Regolament, jekk jogħġbok emenda din ir-referenza sabiex tirreferi għad-Deċiżjoni l-ġdida.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7 u 8 l-ebda aġġustament tekniku ieħor ma' għandu jsir fir-rigward tas-sena inkwistjoni, la matul is-sena u lanqas bħala korezzjonijiet ex-post fis-snin sussegwenti.

Artikolu 7

Aġġustament tal-pakketti tal-politika tal-koeżjoni

1. B'kont meħud tas-sitwazzjoni partikolarment diffiċli tal-Istati Membri li qed ibatu mill-kriżi, il-Kummissjoni għandha fl-2016, flimkien mal-aġġustamenti tekniċi għas-sena 2017, terġa' teżamina l-allokazzjonijiet totali tal-Istati Membri kollha taħt il-mira "Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi" tal-politika ta' koeżjoni għas-snin 2017 sa 2020, filwaqt li tapplika l-metodu ta' allokazzjoni definit fl-att bażiku rilevanti abbażi tal-aktar statistika reċenti disponibbli u tal-paragun, għall-Istati Membri li għandhom limitu massimu, bejn il-PDG nazzjonali akkumulat osservat fis-snin 2014 u 2015, u l-PDG nazzjonali akkumulat stmat fl-2012. Hija għandha taġġusta dawk l-allokazzjonijiet totali meta jkun hemm diverġenza kumulattiva ta' aktar minn +/- 5 %.
2. L-aġġustamenti meħtieġa għandhom jitqassmu fi proporzjonijiet ugwali fuq is-snin 2017-2020 u l-limiti massimi li jikkorrispondu magħhom tal-QFP għandhom jiġu mmodifikati skont dan. Il-limiti massimi tal-pagamenti għandhom ukoll ikunu modifikati kif meħtieġ sabiex jiġi żgurat progress ordnat f'rabta mal-approprijazzjonijiet għall-impenji.

3. Fl-aġġustamenti tekniċi tagħha għas-sena 2017, wara r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-eliġibbiltà tal-Istati Membri għall-Fond ta' Koeżjoni previst fl-Artikolu [82(5)] tar-Regolament (UE) Nru ... li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni^{1*}, f'każ li Stat Membru jsir eliġibbli għall-ewwel darba għall-Fond ta' Koeżjoni jew inkella jitlef eliġibbiltà eżistenti tiegħu, il-Kummissjoni għandha żżid jew tnaqqas l-ammonti li jirriżultaw mill-fondi allokatil lill-Istati Membri għas-snin 2017 sal-2020.
4. L-aġġustamenti mitluba li jirriżultaw mill-paragrafu 3 jitqassmu fi proporzjonijiet indaqs tul is-snin 2017-2020 u l-limiti massimi korrispondenti tal-QFP jkunu mmodifikati skont kif meħtieġ. Il-limiti massimi tal-pagamenti għandhom ukoll ikunu modifikati skont kif meħtieġ sabiex jiġi żgurat progress ordnat f'rabta mal-approprijazzjonijiet għall-impenji.
5. L-effett nett totali, kemm jekk pożittiv kif ukoll jekk negattiv, tal-aġġustamenti msemmija fil-paragrafi 1 u 3, ma għandux jaqbeż EUR 4 biljun.

¹ Regolament (UE) Nru ... li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L ...).

* ĠU: daħħal id-data, numru u referenza tar-Regolament fid-dok.(2011/0276 (COD)) u kompli r-referenza għan-nota ta' qiegħ il-paġna.

Artikolu 8

Aġġustament relatati ma' miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-fondi mal-governanza ekonomika soda

Fil-każ tat-tneħħija ta' sospensjoni mill-Kummissjoni tal-impenji baġitarji li jirrigwardaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u għas-Sajd fil-kuntest ta' miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-fondi mal-governanza ekonomika soda, il-Kummissjoni, skont it-Trattat u f'konformità mal-att bażiku relevanti, għandha tittrasferixxi l-impenji sospiżi għas-snin ta' wara. L-impenji sospiżi tas-sena n ma jistgħux jerġgħu jidħlu fil-baġit ta' wara s-sena n+3.

Kapitolu 2

STRUMENTI SPEĊJALI

Artikolu 9

Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza

1. L-għan tar-Riżerva tal-Għajnuna għall-Emerġenza huwa li tipprovdi reazzjoni rapida għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' għajnuna ta' pajjiżi terzi wara li jkunu seħħew ġrajjiet li ma setgħux ikunu previsti meta l-baġit ġie stabbilit, l-ewwel u qabel kollox għal ħidmiet umanitarji, iżda wkoll għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċivili u għall-protezzjoni, u sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari li tirriżulta minn flussi migratorji fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, fejn iċ-ċirkustanzi jkunu jeħtieġu hekk.
2. L-ammont annwali tar-Riżerva huwa stabbilit għal EUR 280 miljun (prezzijiet tal-2011) u jista' jintuża sas-sena n+1 f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Din ir-riżerva għandha tiddaħħal bħala dispożizzjoni fil-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-sena preċedenti għandu jiddaħħal l-ewwel. Dak il-porzjon tal-ammont annwali minn sena n li ma jintużax fis-sena n+1 jiskadi.

Artikolu 10

Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

- 1 Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea huwa maħsub biex jippermetti għajnuna finanzjarja rapida fil-każ li jiġru diżastri kbar fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż kandidat, kif iddefinit fl-att bażiku rilevanti. Għandu jkun hemm limitu fuq l-ammont annwali disponibbli għal dak il-Fond ta' EUR 500 miljun (prezzijiet tal-2011). Fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-inqas kwart mill-ammont annwali għandu jibqa' disponibbli biex ikopri ħtiġijiet li jinqalgħu sa tmiem dik is-sena. Il-porzjon tal-ammont annwali mhux imdaħħal fil-baġit jista' jintuża sas-sena n+1. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-sena preċedenti għandu jiddaħħal l-ewwel. Dak il-porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax fis-sena n+1 jiskadi.
2. F'każijiet eċċezzjonali u jekk ir-riżorsi finanzjarji li jifdal disponibbli fil-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea fis-sena meta jkun seħħ id-diżastru, kif imfisser fl-att bażiku rilevanti, ma jkunux biżżejjed sabiex ikopru l-ammont ta' assistenza meqjus bħala neċessarju mill-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' tipproponi li d-differenza tkun iffinanzjata permezz tal-ammonti annwali disponibbli għas-sena ta' wara.

Artikolu 11
Strument ta' Flessibbiltà

1. L-Istrument ta' Flessibbiltà hu maħsub biex jippermetti l-finanzjament, għal sena finanzjarja partikolari u sal-ammont indikat, ta' nefqa identifikata b' mod ċar li ma setgħetx tkun iffinanzjata fil-limiti disponibbli għal intestatura waħda jew aktar. Għandu jkun hemm limitu fuq l-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà ta' EUR 471 miljun (prezzijiet tal-2011).
2. Il-porzjon li ma jintużax tal-ammont annwali tal-Istrument ta' Flessibbiltà jista' jiġi użat sas-sena n+3. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-snin preċedenti għandu jintuża l-ewwel, skont iż-żmien. Dak il-porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax fis-sena n+3 jiskadi.

Artikolu 12
Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

1. Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, li l-oġġettivi u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huma definiti fir-Regolament (KE) Nru [1927/2006](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011).
2. L-appropriazzjonijiet għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandhom jiddaħħlu bħala dispożizzjoni fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

* ĠU: Jekk ir-[Regolament il-ġdid](#) dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) (2011/0269 (COD)) huwa adottat qabel jew fl-istess żmien bħal dan ir-Regolament, jekk jogħġbok emenda din ir-referenza sabiex tirreferi għar-Regolament il-ġdid.

Artikolu 13

Marġini ta' Kontinġenza

1. Marġini ta' Kontinġenza ta' mhux iżjed minn 0,03 % tad-Dħul Nazzjonali Gross tal-Unjoni għandu jiġi kostitwit barra mil-limiti massimi tal-QFP, bħala strument tal-aħħar-rimedju b'reazzjoni għal ċirkostanzi mhux previsti. Dan jista' jiġi mmobilizzat biss f'rabta ma' baġit emendatorju jew annwali.
2. L-użu tal-marġini ta' kontinġenza ma għandux jaqbeż, fi kwalunkwe sena partikolari, l-ammont massimu previst fl-aġġustament tekniku annwali tal-QFP, u għandu jkun konsistenti mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji.
3. L-ammonti magħmulin disponibbli permezz tal-mobilizzazzjoni tal-Marġini ta' Kontinġenza għandhom jiġu kollha kkompensati mal-marġini f'waħda jew aktar mill-intestaturi tal-QFP għas-sena finanzjarja attwali jew dawk futuri.
4. L-ammonti hekk ikkompensati ma għandhomx jiġu mobilizzati aktar fil-kuntest tal-QFP. L-użu tal-Marġini ta' Kontinġenza ma għandux jirriżulta fil-qbiż tal-limiti totali tal-approprijazzjonijiet ta' impenji u pagamenti stipulati fil-QFP għas-sena finanzjarja attwali jew dawk futuri.

Artikolu 14

Marġini globali għall-appropriazzjonijiet għat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari l-impjiegi taż-żgħażaġh

1. Il-marġini li għadhom disponibbli taħt il-limitu massimu tal-QFP għal appropriazzjonijiet ta' impenn għas-snin 2014-2017 għandhom jikkostitwixxu Marġini Globali tal-QFP għall-impenji, li għandhom isiru disponibbli barra mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għas-snin 2016 sa 2020 għal għanijiet ta' politika marbuta mat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari l-impjiegi taż-żgħażaġh.
2. Kull sena, bħala parti mill-aġġustament tekniku previst fl-Artikolu 6, il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-ammont disponibbli. Il-Marġini Globali tal-QFP jew parti minnu jista' jiġi mmobilizzat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja skont l-Artikolu 314 TFUE.

Artikolu 15

Flessibilità speċifika biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh u tissaħħaħ ir-riċerka

Sa EUR 2 543 miljun (fil-prezzijiet tal-2011) jistgħu jingħataw minn qabel fl-2014 u l-2015, bħala parti mill-proċedura baġitarja annwali, għal objettivi ta' politika speċifiċi relatati mal-qgħad fost iż-żgħażaġh, ir-riċerka, ERASMUS b'mod partikolari għall-apprendistati, u l-impriżi żgħar u ta' daqs medju. Dak l-ammont għandu jiġi kkompensat b'mod sħiħ kontra appropriazzjonijiet fi u/jew bejn l-intestaturi sabiex ma jinbidlux il-limiti massimi annwali totali għall-perijodu 2014-2020 u l-allokazzjoni totali għal kull intestatura jew sotto-intestatura matul il-perijodu.

Artikolu 16

Kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' proġetti fuq skala kbira

1. Ammont massimu ta' EUR 6 300 miljun (fi prezzijiet tal-2011) ikun disponibbli għall-programmi Ewropej tan-navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-perijodu 2014-2020.
2. Ammont massimu ta' EUR 2 707 miljun (fi prezzijiet tal-2011) ikun disponibbli għall-proġett Internazzjonali tar-Reattur Esperimentali Termonukleari (ITER) mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-perijodu 2014-2020.
3. Ammont massimu ta' EUR 3 786 miljun (fi prezzijiet tal-2011) ikun disponibbli għal Copernicus (il-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja) mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-perijodu 2014-2020.

Kapitolu 3

REVIŻJONI

Artikolu 17

Reviżjoni tal-QFP

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2), l-Artikoli 18 sa 22 u l-Artikolu 25, f'ċirkostanzi mhux previsti, il-QFP jista' jiġi rivedut f'konformità mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom*.
2. Bħala regola ġenerali, kull proposta għal reviżjoni tal-QFP skont il-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata u adottata qabel il-bidu tal-proċedura baġitarja għas-sena jew l-ewwel sena tas-snin ikkonċernati.
3. Kwalunkwe proposta għalrevizjoni tal-QFP f'konformità mal-paragrafu 1 għandha teżamina l-possibbiltà għar-riallokazzjoni tan-nefqa bejn il-programmi koperti mill-intestatura kkonċernata mir-reviżjoni, b'referenza partikolari għal kwalunkwe nuqqas ta' utilizzazzjoni mistennija tal-approprijazzjonijiet. L-objettiv għandu jkun li ammont sinifikanti, f'termini assoluti u bħala perċentwali tan-nefqa l-ġdida ppjanata, ikun fil-limitu eżistenti għall-intestatura.

* ĠU: Jekk id-deċiżjoni l-ġdida dwar riżorsi proprji (2011/0183 (CNS)) hija adottata qabel jew fl-istess żmien bħal dan ir-Regolament, jekk jogħġbok emenda din ir-referenza sabiex tirreferi għad-Deċiżjoni l-ġdida.

4. Kwalunkwe reviżjoni tal-QFP f'konformità mal-paragrafu 1 tqis il-possibbiltà ta' kumpens għal kull żieda fil-limitu massimu għal intestatura waħda permezz tat-tnaqqis tal-limitu massimu għal intestatura oħra.
5. Kwalunkwe reviżjoni fil-QFP f'konformità mal-paragrafu 1 għandha żżomm relazzjoni xierqa bejn l-impenji u l-ħlasijiet.

Artikolu 18

Reviżjoni relatata mal-implimentazzjoni

Meta tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultati tal-aġġustamenti tekniċi fil-QFP, il-Kummissjoni għandha tippreżenta kwalunkwe proposta biex jiġu riveduti l-appropriazzjonijiet totali għall-ħlasijiet li din tkun tqis bħala meħtieġa, filwaqt li tiegħu inkunsiderazzjoni l-implimentazzjoni, biex tiżgura tmexxija tajba tal-limiti massimi tal-pagamenti annwali u b'mod partikolari l-progress ordnat tagħhom fir-rigward tal-appropriazzjonijiet għall-impenji. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiddeċiedu dwar dawk il-proposti qabel l-1 ta' Mejju tas-sena n.

Artikolu 19

Reviżjoni wara regoli jew programmi ġodda tal-Fondi Strutturali, tal-Fond ta' Koeżjoni, tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, tal-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd, tal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil u tal-Fond għas-Sigurtà Interna

1. Fil-każ tal-adozzjoni wara l-1 ta' Jannar 2014 ta' regoli ġodda jew programmi taħt ġestjoni kondiviża għall-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew Marittimu u għas-Sajd, il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil u għall-Fond għas-Sigurtà Interna, il-QFP għandu jiġi rivedut sabiex jiġu trasferiti għal snin sussegwenti, lil hinn mil-limiti massimi tan-nefqa korrispondenti, l-allokazzjonijiet li ma jintużawx fl-2014.
2. Ir-reviżjoni li tikkonċerna t-trasferiment ta' allokazzjonijiet mhux użati għas-sena 2014, jiġi adottat qabel l-1 ta' Mejju 2015.

Artikolu 20

Reviżjoni tal-QFP fil-każ ta'reviżjoni tat-Trattati

F'każ li reviżjoni tat-Trattati b'implikazzjonijiet baġitarji isseħħ bejn l-2014 u l-2020, il-QFP għandu jiġi rivedut kif xieraq.

Artikolu 21

Reviżjoni tal-QFP fil-każ ta' tkabbir tal-Unjoni

Jekk ikun hemm adeżjoni jew adeżjonijiet għall-Unjoni bejn l-2014 u l-2020, il-QFP għandu jiġi rivedut biex jitqiesu l-ħtiġijiet tan-nefqa li jirriżultaw minn dan.

Artikolu 22

Reviżjoni tal-QFP f'każ ta' riunifikazzjoni ta' Ċipru

Fil-każ ta' riunifikazzjoni ta' Ċipru matul l-2014 u l-2020, il-QFP għandu jiġi rivedut sabiex jieħdu inkunsiderazzjoni l-ftehim komprensiv dwar il-problema ta' Ċipru u l-ħtiġijiet finanzjarji addizzjonali li jirriżultaw mir-riunifikazzjoni.

Artikolu 23

Koperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (minn hawn 'il quddiem "l-istituzzjonijiet") jieħdu miżuri biex jiffaċilitaw il-proċedura baġitarja annwali.

L-istituzzjonijiet jikkooperaw b'rieda tajba matul il-proċedura bil-ħsieb li jirrikonċiljaw il-pożizzjonijiet tagħhom. L-istituzzjonijiet għandhom, fl-istadji kollha tal-proċedura, jikkooperaw permezz ta' kuntatti interistituzzjonali xierqa sabiex isegwu l-progress tax-xogħol u janalizzaw il-grad ta' konverġenza.

L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-kalendarji tax-xogħol rispettivi tagħhom ikunu kkoordinati kemm jista' jkun sabiex il-proċedimenti jkunu jistgħu jitwettqu b'mod koerenti u konverġenti, u li jwasslu għall-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Jistgħu jiġu organizzati trilogi f'kull stadju tal-proċedura u f'livelli differenti tar-rappreżentazzjoni, skont in-natura tad-diskussjonijiet mistennija. Kull istituzzjoni, f'konformità mar-regoli ta' proċedura tagħha stess, taħtar il-parteċipanti tagħha għal kull laqgħa, tiddefinixxi l-mandat tagħha għan-negozjati u tinforma lill-istituzzjonijiet l-oħra bl-arranġamenti għal-laqgħat fi żmien adegwat.

Artikolu 24

Unità tal-baġit

L-infiq u d-dħul kollu tal-Unjoni u l-Euratom għandhom jiġu inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament Finanzjarju, inkluża n-nefqa li tirriżulta minn kwalunkwe deċiżjoni rilevanti meħuda b'mod unanimu mill-Kunsill wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, fil-qafas tal-Artikolu 332 TFUE.

Artikolu 25

Tranżizzjoni lejn il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss

Qabel l-1 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għal qafas finanzjarju pluriennali ġdid.

Jekk ma jiġi adottat l-ebda regolament tal-Kunsill li jiddetermina qafas finanzjarju pluriennali ġdid qabel il-31 ta' Diċembru 2020, il-limiti massimi u d-dispożizzjonijiet l-oħra li jikkorrispondu għall-aħħar sena tal-QFP eżistenti għandhom jiġu estiżi sakemm jiġi adottat regolament li jiddetermina qafas finanzjarju ġdid. Jekk Stat Membru ġdid jissieħeb fl-Unjoni wara l-2020, il-qafas finanzjarju estiż għandu, jekk meħtieġ, jiġi rivedut sabiex jieħu l-adeżjoni inkunsiderazzjoni.

Artikolu 26
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill
Il-President

QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI (UE-28)

(EUR miljuni - preżżijiet tal-2011)

APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENJI	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Total 2014 [-2020].
1. Tkabbir Intelliġenti u Inklużiv	60 283	61 725	62 771	64 238	65 528	67 214	69 004	450 763
1a: Kompetittività għat-tkabbir u l-impjegi	15 605	16 321	16 726	17 693	18 490	19 700	21 079	125 614
1b: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	44 678	45 404	46 045	46 545	47 038	47 514	47 925	325 149
2. Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali	55 883	55 060	54 261	53 448	52 466	51 503	50 558	373 179
li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	41 585	40 989	40 421	39 837	39 079	38 335	37 605	277 851
3. Sigurtà u ċittadinanza	2 053	2 075	2 154	2 232	2 312	2 391	2 469	15 686
4. Ewropa Globali	7 854	8 083	8 281	8 375	8 553	8 764	8 794	58 704
5. Amministrazzjoni	8 218	8 385	8 589	8 807	9 007	9 206	9 417	61 629
li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	6 649	6 791	6 955	7 110	7 278	7 425	7 590	49 798
6. Kumpensi	27	0	0	0	0	0	0	27
APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENJI TOTALI	134 318	135 328	136 056	137 100	137 866	139 078	140 242	959 988
bħala perċentwali tad-DGN	1.03%	1.02%	1.00%	1.00%	0.99%	0.98%	0.98%	1.00%
APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENTI TOTALI	128 030	131 095	131 046	126 777	129 778	130 893	130 781	908 400
bħala perċentwali tad-DGN	0.98%	0.98%	0.97%	0.92%	0.93%	0.93%	0.91%	0.95%
Marġini disponibbli	0.25%	0.25%	0.26%	0.31%	0.30%	0.30%	0.32%	0.28%
Limitu massimu tar-riżorsi proprji bħala perċentwali tad-DGN	1.23%	1.23%	1.23%	1.23%	1.23%	1.23%	1.23%	1.23%

ANNEX 2: DIKJARAZZJONIJIET

Abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta dwar Riżorsi Proprji

1. Skont l-Artikolu 311 tat-TFUE l-Unjoni għandha tipprovdi lilha nfisha bil-mezzi meħtieġa biex tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq il-politiki tagħha; jistipula wkoll li, mingħajr preġudizzju għal dhum ieħor, il-baġit għandu jkun iffinanzjat kollu kemm hu mir-riżorsi proprji. L-Artikolu 311 al. 3 jindika li l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali, għandu unanimament u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew jadotta deċiżjoni dwar is-sistema ta' riżorsi proprji u li, f'dak il-kuntest, il-Kunsill jista' jistabbilixxi kategoriji ġodda ta' riżorsi proprji jew jabolixxi kategorija eżistenti.
2. Abbażi ta' dan, f'Ġunju 2011 il-Kummissjoni ppreżentat sett ta' proposti biex tirrifirma s-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni. Fil-laqgħa tiegħu tas-7/8 ta' Frar, il-Kunsill Ewropew qabel li l-arranġamenti tar-Riżorsi Proprji għandhom ikunu ggwidati mill-objettivi ġenerali tas-sempliċità, it-trasparenza u l-ekwità. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill biex ikompli jaħdem fuq il-proposta tal-Kummissjoni għal riżorsa proprja ġdida bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT). Huwa stieden ukoll lill-Istati Membri jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji (TTF) biex jeżaminaw jekk tistax issir il-bażi għal riżorsa proprja ġdida għall-baġit tal-UE.
3. Il-kwistjoni tar-riżorsi proprji teħtieġ aktar xogħol. Għal dan il-għan, ser jitlaqqa' Grupp ta' livell għoli, kompost minn membri maħtura mit-tliet istituzzjonijiet. Dan ser jieħu kont tal-kontribut kollu eżistenti jew li ġej li jista' jiġi pprovdut mit-tliet istituzzjonijiet Ewropew u mill-Parlamenti Nazzjonali. Dan għandu jisfrutta l-esperjenza xierqa, inkluż mill-awtoritajiet baġitarji u fiskali nazzjonali kif ukoll mill-esperti indipendenti.

4. Il-Grupp ser iwettaq rieżami ġenerali tas-sistema tar-Riżorsi Propriji ggwidat mill-oġġettivi ġenerali tas-sempliċità, it-trasparenza, l-ekwità u r-responsabbiltà demokratika. L-ewwel valutazzjoni ser tkun disponibbli sa tmiem l-2014. Il-progress tal-ħidma ser jiġi vvalutat fil-livell politiku b'laqgħat regolari, tal-inqas darba kull sitt xhur.
5. Il-Parlamenti Nazzjonali ser jiġu mistiedna għal konferenza interistituzzjonali matul l-2016 biex jivvalutaw l-eżitu ta' dan ix-xogħol.
6. Fuq il-bażi tar-riżultati ta' din il-ħidma, il-Kummissjoni ser tivvaluta jekk humiex adatti inizjattivi ġodda ta' Riżorsi Propriji. Din il-valutazzjoni ser issir b'mod parallel mar-riieżami msemmi fl-Artikolu 1a tar-Regolament QFP bil-ħsieb ta' riformi possibbli li jiġu kkunsidrati għall-perijodu kopert mill-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

Abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-titjib tal-effettività tal-infiq pubbliku fi kwistjonijiet soġġetti għal azzjoni tal-UE

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jaħdmu flimkien bl-oġġettiv tal-iffrankar fl-ispejjeż u titjib fis-sinerġiji fil-livelli nazzjonali u Ewropej sabiex titjieb l-effettività tan-nefqa pubblika fi kwistjonijiet soġġetti għal azzjoni tal-UE. Għal dan il-għan l-istituzzjonijiet, skont kif jikkunsidraw l-aktar xieraq, ser jisfruttaw, *fost l-oħrajn*, l-għarfien tal-aħjar Prattiki, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni kif ukoll il-valutazzjoni indipendenti disponibbli. Ir-riżultati għandhom ikunu disponibbli u jservu bħala bażi waħda għall-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

Abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-proċeduri baġitarji annwali applikati għall-QFP 2014-2020 ser jintegraw, kif adatt, elementi sensittivi għall-kwistjoni tal-ġeneru, b'kont meħud tal-modi li l-qafas finanzjarju ġenerali tal-Unjoni jikkontribwixxi għal iktar ugwaljanza bejn is-sessi (u jiżgura l-integrazzjoni tas-sessi).

Abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020

(nota ta' qabel għall-Artikolu 9f kif tinsab fid-dokument 11655/13)

L-Istituzzjonijiet jaqblu li jużaw l-ammont imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 kif ġej: EUR 2143 miljun għall-Impjiegi taż-Żgħażaġħ, EUR 200 miljun għall-Orizzont 2020, EUR 150 miljun għall-Erasmus u EUR 50 miljun għall-COSME.

Abbozz ta' dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar dikjarazzjonijiet nazzjonali ta' ġestjoni

Fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tiegħu tas-17 ta' April 2013, il-Parlament Ewropew talab li jistabbilixxi mudell għad-dikjarazzjonijiet nazzjonali ta' ġestjoni li għandhom jinħarġu mill-Istati Membri fil-livell politiku xieraq. Il-Kummissjoni lesta teżamina din it-talba u lesta tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jipparteċipaw fi grupp ta' ħidma bil-għan li jagħtu rakkomandazzjonijiet sa tmiem din is-sena.

Abbozz ta' dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rieżami/reviżjoni

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1A tar-Regolament QFP, filwaqt li jittieħed kont tar-riżultat tar-rieżami, il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tippreżenta proposti leġiżlattivi għal reviżjoni tar-Regolament QFP. F'dan il-kuntest, ser tagħti attenzjoni partikolari għall-funzjonament tal-marġini globali għall-pagamenti sabiex tiżgura li l-limiti tal-pagamenti ġenerali jibqa' disponibbli matul il-perijodu. Hija ser teżamina wkoll l-evoluzzjoni tal-marġini globali għall-impenji. Il-Kummissjoni ser tieħu wkoll kont tar-rekwiżiti partikolari tal-programm Orizzont 2020. Il-Kummissjoni ser teżamina wkoll l-allinjament tal-proposti tagħha għall-QFP li jmiss maċ-ċikli politiċi tal-Istituzzjonijiet.

2.10.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020
(11791/2013 – C7-0238/2013 – 2011/0177(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Andrey Kovatchev

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-Rapporteur jiddispijaci dvar it-tnaqqis li sar fil-limiti massimi kollha fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali u fil-livell massimu tan-nefqa fil-Politika ta' Koeżjoni b'mod partikolari. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li, jekk fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE għandha tibqa' tirrappreżenta għodda b'saħħitha biex iżżid l-investment strateġiku b'valur miżjud li ġie pprovat u tpoġġi l-ekonomija Ewropea lura fit-triq tat-tkabbir u l-kompetittività billi jinħolqu l-impjiegi u tinkiseb prosperità għaċ-ċittadini tal-UE u b'hekk titjieb il-kwalità tal-ħajja tagħhom, il-finanzjament tagħha kellu jinżamm għall-inqas fil-livell tal-perjodu 2007-2013, bħala livell minimu assolut ta' ffinanzjar sod.

It-tnaqqis fil-limiti massimi tal-Politika ta' Koeżjoni huwa problematiku peress li jista' jipperikola l-għanijiet stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020 għall-UE kollha kemm hi u l-kisba ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali b'mod partikolari. Għalhekk, hemm dubji dwar il-fatt jekk il-Politika ta' Koeżjoni hijiex se tibqa' mekkaniżmu funzjonali li jippermetti l-involviment xieraq mir-reġjuni kollha tal-UE fis-suq uniku, u dan konsegwentement jista' jimmina s-solidarjetà Ewropea.

Ir-rapporteur huwa mħasseb ukoll dwar l-inklużjoni tal-Artikolu 8 fl-abbozz tar-regolament MFF li jagħmel referenza għall-kundizzjonalità makroekonomika, u b'hekk b'xi mod jassumi li l-koleġiżlaturi jaqblu dwar il-kundizzjonalità makroekonomika fil-kuntest tan-negozjati dwar il-pakkett leġislativ għall-politika ta' koeżjoni, u konsegwentement tiġi antiċipata l-pożizzjoni tal-Parlament fil-kuntest ta' dawn in-negozjati.

Irridu niftakru wkoll li waħda mill-prekundizzjonijiet għall-adozzjoni tar-regolament MFF, kif stipulat fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-ftehim politiku rigward il-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2014-2020, kienet li jkun hemm *'ftehim politiku dwar il-*

bażijiet ġuridiċi rilevanti, speċjalment dwar il-punti li huma riflessi wkoll fir-Regolament dwar l-MFF'.

Madankollu, sal-mument meta l-abbozz ta' regolament tal-MFF ġie riferit lill-Parlament fil-bidu ta' Settembru u sal-mument meta r-rapporteur fassal din l-opinjoni, ma kien intlaħaq l-ebda ftehim mit-tim ta' negozjati tal-Parlament u l-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kwistjoni ta' kundizzjonalità makroekonomika jew dwar kwistjonijiet oħra importanti li jappartjenu lill-proċedura leġislattiva.

Ir-rapporteur, għalhekk, qed jirrakkomanda li l-Parlament jagħti l-kunsens tiegħu bħala l-uniku mod possibbli biex tiġi żgurata l-prevedibilità u l-flessibilità tal-politika tal-infiq tal-UE sal-2020, minflok ma noqogħdu fuq l-inċertezza tal-baġits annwali tal-UE, li, madankollu, bl-ebda mod ma jggarantixxi li l-politiki tal-UE se jgħibu r-riżultati mistennija miċ-ċittadini tal-UE, peress li l-implimentazzjoni tal-politika hija fir-riskju.

Barra minn hekk, il-Kumitat għall-Baġits (BUDG), bħala l-Kumitat responsabbli għall-ħruġ ta' rakkomandazzjoni dwar l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill li jstabilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020, għandu jiżgura li qabel ma l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu, l-ostakli ewlenin li għad fadal fin-negozjati interistituzzjonali jkunu tneħħew, u b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-kundizzjonalità makroekonomika.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits. bħala l-Kumitat responsabbli, biex jipproponi li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti bir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju dwar il-ftehim politiku dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2014-2020 jiġu sodisfatti.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	24.9.2013						
Riżultat tal-votazzjoni finali	<table style="width: 100%; border: none;"> <tr> <td style="width: 60%;">+:</td> <td style="text-align: right;">43</td> </tr> <tr> <td>–:</td> <td style="text-align: right;">3</td> </tr> <tr> <td>0:</td> <td style="text-align: right;">1</td> </tr> </table>	+:	43	–:	3	0:	1
+:	43						
–:	3						
0:	1						
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Charalampos Angourakis, Catherine Bearder, John Bufton, Francesco De Angelis, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Iñaki Irazabalbeitia Fernández, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva Kekuš, Constanze Angela Krehl, Jacek Olgierd Kurski, Petru Constantin Luhan, Vladimír Maňka, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Younous Omarjee, Tomasz Piotr Poręba, Ovidiu Ioan Silaghi, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska						
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrea Cozzolino, Ivars Godmanis, Juozas Imbrasas, Karin Kadenbach, Andrey Kovatchev, James Nicholson, Heide Rühle, Elisabeth Schroedter, Richard Seeber, Giommara Uggias, Iuliu Winkler						
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	António Fernando Correia de Campos, Sabine Verheyen						

ITTRA TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

Is-Sur Alain Lamassoure
President tal-Kumitat għall-Baġits
ASP 13 E 205

Suġġett: Il-pożizzjoni tal-Kumitat TRAN dwar il-ftehim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) l-ġdid

Għażiż Sur Lamassoure,

Qabel il-vaganzi tas-sajf, it-tim ta' negozjar TRAN/ITRE laħaq ftehim mal-Kunsill dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

F'dan il-ftehim, l-ammont finanzjarju totali għas-settur tat-trasport huwa stabbilit għal EUR 23 174 000 000 (bil-prezzijiet kostanti tal-2011) li minnu EUR10 000 000 000 għandhom jiġu trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni biex jintnefqu skont ir-Regolament dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fl-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni biss. Dawn iċ-ċifri jikkorrispondu għat-tqassim indikattiv tal-Kummissjoni mehmuż mal-ittra tiegħek tad-9 ta' Lulju 2013.

Il-ftehim, inklużi iċ-ċifri kollha għat-3 setturi, għadu jeħtieġ li ssir votazzjoni dwaru f'laqgħa konġunta tal-Kumitati TRAN/ITRE fis-7 ta' Ottubru fi Strasburgu. Jekk dan il-ftehim jiġi approvat mill-Kumitat konġunt, dan konsegwentement ikun ifisser li l-Kumitat TRAN japprova wkoll l-allokazzjoni finanzjarja għas-settur tat-trasport taħt il-QFP li jmiss.

Madankollu ppermetteli nerġa' nenasfizza li ħafna mill-kollegi tiegħi, inkluż jien stess, nopponu bil-qawwi t-tnaqqis kbir li sar għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa meta dan jitqabbel mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni. L-ammonti finanzjarji disponibbli għall-infrastruttura tat-trasport taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa sfortunatament mhux se jkun biżżejjed biex jindirizzaw l-isfidi enormi li qed jiffaċċja s-settur tat-trasport bħalissa.

Għalhekk niddependu fuq il-Kumitat tiegħek biex jiżgura li jsiru disponibbli fondi addizzjonali għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fil-futur qrib permezz ta' mekkaniżmi ta' flessibbiltà ġodda miftiehma taħt il-QFP 2014-2020.

Dejjem tiegħek,

Brian Simpson

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	14.11.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 28 - : 5 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Jean-Luc Dehaene, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Lucas Hartong, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Jan Mulder, Vojtěch Mynář, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Alda Sousa, Derek Vaughan, Angelika Werthmann, Jacek Włosowicz
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Maria Da Graça Carvalho, Frédéric Daerden, Paul Rübig, Peter Šťastný
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Jean-Paul Basset, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Zdravka Bušić, Jolanta Emilia Hibner, Helmut Scholz, Tadeusz Zwiefka